MINISTERU GĦALL-KULTURA, L-ARTIJIET U GVERN LOKALI

*Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy*

MALTA

MINISTRY FOR CULTURE, LANDS AND LOCAL GOVERNMENT

*Directorate for Local Government, Strategy and Policy Implementation*

Ref. Tagħna: *SPI*/SCI/05/2026

# ĊIRKULARI NUMRU *SPI*/SCI/05/2026

---

| | |
|---|---|
| Lis- | Sindki, Viċi Sindki,<br>Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Lokali |
| Kopja lill- | Presidenti, Viċi Presidenti,<br>Membri u Segretarji Eżekuttivi<br>Kunsilli Reġjonali |
| Mingħand: | Id-Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* |
| **Suġġett:** | **Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità** |
| Data: | 11 ta' Marzu 2026 |

---

## 1. Għan

1.1 Il-kwalità tal-ħajja u s-saħħa tal-komunità hija kunċett multi-dimensjonali li jinkludi oqsma relatati kemm ma l-aspett fiżiku, dak mentali u emozzjonali, kif ukoll soċjali. Għalkemm kull lokalità hija unika, l-irwol ewlieni tal-Gvern Lokali huwa li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tar-residenti billi jipprovdi servizzi, kumditajiet u infrastruttura essenzjali li jtejbu l-ambjent tal-għajxien fil-komunità.

Servizzi effettivi bħat-trasport b'xejn għar-residenti bi bżonnijiet speċjali u dawk vulnerabbli, aċċess għal servizzi essenzjali bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, il-ġestjoni tal-iskart u s-sikurezza pubblika jistgħu jnaqqsu ħafna l-istress u jżidu l-konvenjenza għar-residenti. Barra minn hekk, spazji miftuħa miżmuma tajjeb, u faċilitajiet ta' rikreazzjoni, kif ukoll toroq u bankini miżmuma tajjeb jagħmlu impatt sinifikanti fuq il-kwalità tal-ħajja.

Sabiex dawn u aktar proġetti varji sostenibbli jkunu possibbli u għodda għal aktar kwalità u saħħa fil-komunità, is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali b'kollaborazzjoni mad-Direttorat tal-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* qed iniedi din l-iskema ta' finanzjament immirata sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu f'pożizzjoni aħjar li jwettqu proġetti jew inizjattivi biex jgħinu l-komunitajiet tagħhom ikunu aktar b'saħħithom u ta' kwalità.

## 2. Objettivi

2.1 Aktar sostenibbiltà soċjali, aċċessibilità u inklużjoni;

2.2 Aktar investiment fil-kwalità ta' l-arja u sostenibbiltà ambjentali;

2.3 Aktar opportunitajiet lir-resident għal aktar saħħa fiżika u mentali; u

2.4 Aktar prosperità u stabbiltà ekonomika.

## 3. Eliġibilità

3.1 Il-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex.

## 4. Kriterji ta' Evalwazzjoni

| | | |
|---|---|---|
| 4.1 | Proġett/inizjattiva konsistenti ma' l-għan u l-objettivi ta' din l-iskema | 35% |
| 4.2 | Pjan ta' kwalità, innovazzjoni u sostenibbilità | 25% |
| 4.3 | Relevanti għall-bżonnijiet partikolari tal-lokalità u l-impatt pożittiv fuq ir-residenti | 25% |
| 4.4 | Promozzjoni tal-proġett/inizjattiva kemm waqt l-implimentazzjoni u kif ukoll hekk kif jiġi finalizzat/a | 10% |
| 4.5 | Il-formula tal-applikazzjoni mimlija b'mod korrett, bl-informazzjoni u d-dokumenti provduti kollha fil-ħin stipulat skont Artiklu 8.3 | 5% |

## 5. Eżempji ta' proġetti u speċifikazzjonijiet li jistgħu jiġu ffinanzjati minn dan il-fond:

- Aċċessibilità u ambjent adekwat f'postijiet pubbliċi li jistgħu jinkludu *lifts*, spazji għas-siġġijiet tar-roti, rampi, bankini eċċ li jippermettu lil kull individwu jieħu sehem bl-istess mod, b'mod indipendenti, irrispettivament mill-abbiltajiet differenti;

- Twettiq ta' *accessibility audit* tal-bankini għall-aktar infrastruttura sigura għall-mixi;

- Proġetti u provediment ta' apparat u għadd ta' faċilitajiet li jħeġġu attivitajiet rikreattivi, attivitajiet fiżiċi, ta' benefiċċju għall-benessere mentali u sportivi għar-residenti kollha inkluż dawk l-individwi vulnerabbli, dawk anzjani u dawk bi bżonnijiet speċjali, inkluż il-bżonnijiet sensorji u viżwali, tà daqs u mobilità f'żoni pubbliċi;

- Proġetti li jħaddru u jsebbħu l-ambjent u żoni ta' rilassament sabiex intejbu l-benessere mentali;

- Sistemi ta' irrigazzjoni f'postijiet pubbliċi;

- Spazji pubbliċi li jservu ta' pjattaforma għall-artisti lokali u faċilitajiet f'żoni pubbliċi li joffru kenn mill-elementi ta' t-temp;

- Aktar żoni pedonali pittoreski, komdi, siguri u aċċessibbli fil-lokalitajiet;

- Libreriji mgħamra u adekwati li jistgħu jiġu wkoll żviluppati f'ċentri tal-komunità inklussivi fejn ir-residenti jkollhom l-opportunità jattendu u jipparteċipaw f'attivitajiet innovattivi biex ikomplu jsaħħu l-għarfien tagħhom f'diversi oqsma f'ambjent soċjali;

- Programmi ta' attivitajiet diversi fil-libreriji għar-residenti ta' etajiet differenti;

- Ħolqien ta' klabb tal-ktieb għal kull età;

- Programmi edukattivi/attivitajiet/servizzi dwar is-saħħa kemm fiżika kif ukoll mentali, filwaqt li jenfasizzaw miżuri preventivi u stil ta' ħajja sana u ta' kwalità;

- Programmi ta' taħriġ, fejn informazzjoni u taħriġ prattiku skont il-bżonn, inkluż taħriġ offrut lill-persuni b'diżabilità, skont il-bżonnijiet rispettivi tagħhom, bl-għan ewlieni li jappoġġjaw u jiffaċilitaw il-bżonnijiet ta' aċċessibilità u l-mobilità ta' kuljum;

- Provediment ta' kull tip ta' informazzjoni u gwida individwali fil-lokalità b'diversi metodi u lingwi nkluż dik tas-sinjali u *Braille signage* għal-nies b'diżabilità viżwali;

- Ħolqien ta' programmi, għaqdiet jew xogħol volontarju li jinkoraġġixxu l-anzjanità attiva;

- Provediment ta' transport intra-komunitarju għar-residenti bi bżonnijiet speċjali u dawk vulnerabbli, għal diversi servizzi bħal *library on demand*, appuntamenti ta' saħħa eċċ;

- Proġetti mgħammra bi *smart solutions;*

- Żieda fl-aċċessibilità diġitali għal servizzi, disseminazzjoni ta' informazzjoni, għodda sabiex isemma leħnu r-resident, postijiet ta' divertiment u rikrejattivi, binjiet, parkeġġi u postijiet oħra pubbliċi;

- Pjan ta' konnettività jew proġetti biex jgħinu fit-tnaqqis tat-traffiku kif ukoll għeluq għat-traffiku f'ċertu ħinijiet jew ġranet;

- Proġetti/inizjattivi li jinkludu provediment għal aktar tnaqqis fit-tniġġis kemm ta' l-arja u l-ħoss;

- Aktar spazji ta' parkeġġi f'żoni u postijiet alternattivi kemm għal-karrozzi kif ukoll għal diversi mezzi ta' transport ;

- Manutenzjoni jew modernizzar ta' faċilitajiet ta' konvenjenza pubblika;

- Apparat, għamara, jew materjal *eco-friendly* u miżuri tà riċiklaġġ għal aktar indafa u sostenibbilità kif ukoll użu ta' materjal li ma' jeħtieġx manutenzjoni daqshekk frekwenti;

- Proġetti mmirati fuq l-indafa u tnaqqis tal-iskart fil-lokalitajiet

- Miżuri għal użu aktar effiċjenti u enfasizzar ta' konservazzjoni tal-ilma fi spazji u faċilitajiet pubbliċi

- Introduzzjoni ta' karatteristiċi mużikali li jservu bħala terapija, mezz ta' komunikazzjoni u mod tà kif jesprimi ruħu individwu irrispettivament mill-età u l-abbilità;

- Proġetti fi spazji miftuħa li jassistu fil-kura u l-eżerċizzju tal-annimali;

**Din il-lista għandha sservi biss bħala linji gwida għall-ippjanar ta' proġetti/inizjattivi li jistgħu jiġu proposti taħt dan il-finanzjament. Għaldaqstant, il-Kunsilli Lokali li ser japplikaw, huma mħeġġa' li jipproponu proġetti kreattivi u jissottomettu ideat innovattivi u skont il-bżonn tal-lokalità tagħhom.**

## 6. Kundizzjonijiet tas-Sottomisjonijiet

Kull Kunsill Lokali interessat għandu jsegwi dawn il-kundizzjonijiet fit-talba li jkun qed jissottometti:

6.1 Fl-applikazzjoni mehmuża għandha tingħata deskrizzjoni ddettaljata ta' x'ħa jkun qed jiġi mplimentat fil-proġett propost. Kull proposta għandha tieħu inkonsiderazzjoni l-għan, l-objettivi u l-kriterji msemmija f'din iċ-Ċirkulari;

6.2 Kull sottomissjoni għandha tinkludi stima tax-xogħlijiet jew servizzi li jirrikjedi l-proġett propost;

6.3 Din l-istima għandha tkun waħda teknika (maħruġa minn Perit, Inġinier, electrician etc. jew persuna teknika, skont in-natura tax-xogħlijiet/servizzi). Għandu jingħata wkoll *breakdown* ta' l-ispiża totali, kif ukoll informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjoniet minn *suppliers* u *standards* fejn applikabbli. **Kwotazzjonijiet ma jgħoddux bħala stimi tekniċi;**

6.4 Għandu jiġi anness **pjan ta' azzjoni** (formula annessa) dettaljat ta' kif ħa jiġi mplimentat il-proġett fil-perjodu tal-implimentazzjoni allokat, f'Artiklu 7.3 ta' din iċ-Ċirkulari; Din il-formula ħa sservi wkoll bħala **r-rapport ta' progress** imsemmi f'Artiklu 7.5;

6.5 Mal-applikazzjoni għandha tintbagħat (fejn hu applikabbli) *site plan* ta' fejn qiegħed jiġi propost il-proġett imsemmi kif ukoll ritratti tal-post. Dawn għandhom jiġu immarkati biex jindikaw fejn ser isir ix-xogħol li qed jintalab il-finanzjament għalih;

6.6 Għandu jintbagħat *concept sketch* bażiku, kif ukoll *scaled drawings* u *elevations* tal-proġett propost (fejn applikabbli);

6.7 Dawk il-Kunsilli Lokali li ħa japplikaw għal-estensjoni fuq proġett li diġa' ġie ffinanzjat minn xi skemi preċedenti ta' dan id-Direttorat, għandhom jissottomettu ma' l-applikazzjoni r-Rapport ta' Progress ta' l-iskema rispettiva li jindika l-istat attwali tax-xogħlijiet. Proġetti ta' estensjoni li diġa' ġew iffinanzjati minn xi skema preċedenti ħa jiġu kkunsidrati biss, la darba jkun ġie mwettaq 75% mill-proġett iffinanzjat sad-data tal-għeluq ta' din iċ-Ċirkulari. **Għaldaqstant, id-depożitu tal-proġett propost taħt din l-iskema ma jingħatax qabel ma jiġi konkluż l-proġett preċedenti u ffinalizzata l-*claim*;**

6.8 Il-Kunsill Lokali għandu jissottometti dikjarazzjoni mingħand Perit li tiddikjara jekk hemmx bżonn permess mill-Awtorità tal-Ippjanar jew xi entità oħra (fejn applikabbli);

6.9 Jekk Kunsill Lokali jkun diġà fil-pussess ta' permess jew evidenza ta' talba għal permess neċċessarju għandu tiġi sottomessa kopja mal-applikazzjoni;

6.10 Mal-applikazzjoni għandha tiġi ffirmata d-**dikjarazzjoni** li l-ispejjeż elenkati fl-applikazzjoni li qed jiġi mitlub il-finanzjament għalihom, m'humiex iffinanzjati minn xi fondi oħra;

6.11 Għandha tiġi ppreżentata wkoll **dikjarazzjoni** li l-Kunsill Lokali jinsab f'pożizzjoni finanzjarja stabbli, u li kapaċi jonora l-obbligazzjonijiet proposti fl-applikazzjoni maħruġa mill-*Accountant* tal-Kunsill Lokali. Din id-dikjarazzjoni trid tkun iffirmata wkoll mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv;

6.12 Il-proposta jew proġett propost li għalih qed jintalab il-finanzjament għandu jkun approvat mill-Kunsill u jitniżżel fil-minuti flimkien mar-referenza ta' l-iskema li l-Kunsill ikun qed japplika għaliha. **Kopja sħiħa ta' dawn il-minuti** ffirmati u approvati għandhom jiġu mehmuża mal-applikazzjoni. **Għandha tiġi approvata wkoll l-ispiża li se jiffinanzja l-Kunsill**. F'każ li l-minuti ma' jkunux għadhom ġew approvati sad-data ta' l-għeluq ta' l-iskema, tiġi aċċettata **kopja tar-Riżoluzzjoni ffirmata**, hekk kif inhu stipulat fl-Ordnijiet Permanenti (Sitt Skeda, Artikolu 43) tal-Att dwar il-Gvern Lokali, Kap. 363;

6.13 **Applikazzjoni tiġi skwalifikata jekk il-minuti ma jirriflettux l-approvazzjoni tal-proġett li għalih il-Kunsill ikun qiegħed japplika, kif ukoll l-approvazzjoni li l-Kunsill huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus;**

6.14 L-applikazzjoni trid tkun iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv kif indikat fl-istess applikazzjoni. Kull paġna u dokument fl-applikazzjoni irid ukoll jiġi nnizjalat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv;

6.15 **Applikazzjonijiet mhux kompluti skont kif ġie ndikat hawn fuq, jiġu eliminati.**

## 7. Kundizzjonijiet dwar Implimentazzjoni

7.1 Din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta skont il-marki allokati mill-Bord ta' Evalwazzjoni, kif stabbiliti fil-kriterji f'din iċ-Ċirkulari sa massimu ta' €100,000 (inkluż il-VAT). Il-Kunsill/i Lokali huma obbligati li mas-somma mogħtiha lilhom jagħtu l-kontribut tagħhom ta' 15% ta' somma globali;

7.2 Spejjeż addizzjonali mhux imsemmija fl-applikazzjoni sottomessa mill-istess Kunsill Lokali ma' jsirx rimborż fuqhom;

7.3 Ix-xogħlijiet, servizzi jew inizjattivi li għalihom se jingħata l-finanzjament iridu jsiru sal-**Ħamis, 30 ta' Novembru 2028;**

7.4 Il-Kunsill/i Lokali għandhom strettament iżommu mal-proġett propost fl-applikazzjoni u li jkun ġie approvat mill-Bord ta' Evalwazzjoni. **Għaldaqstant, jekk ikun hemm bżonn xi tibdil jew varjazzjoni fil-proposta, iridu jinnotifikaw lid-Direttorat minnufih. Il-bidliet ma' jistgħux isiru sakemm ma' tingħatax l-approvazzjoni minn dan id-Direttorat;**

7.5 Il-Kunsill Lokali li ser japplika għal dan il-finanzjament huwa **obbligat li jissottometti r-rapport ta' progress kull tlett xhur** fejn jiddikjara l-istat attwali tax-xogħlijiet, inkluż ukoll x'ser ikun qed isir fix-xhur ta' wara fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt;

7.6 Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li kif jiġi konkluż il-proġett sottomess tintbagħat id-dokumentazzjoni finali lil dan id-Direttorat, li għandha tinkludi:

- Kopji awtentiċi tal-fattura u l-irċevuti fiskali ta' l-ispiża globali;
- Ritratti tax-xogħol/inizjattiva imwettqa;
- Dikjarazzjoni mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv illi tali ħlas ġie mwettaq;
- Kopja tal-iskeda tal-pagamenti approvata mill-Kunsill Lokali u ffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv;
- Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali sħaħ u ffirmati fejn ġie maqbul u approvat tali ħlas;
- Ċertifikazzjoni minn Perit jew persuna kompetenti jew teknika li l-proġetti ġew konklużi u mwettqa skond l-*standards* u r-regoli meħtieġa, kemm rigward kwalità, kif ukoll fuq saħħa u sigurtà (kif/fejn applikabbli). Din iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun fuq livell Ewropew;
- Ir-rapport ta' Progress komplut iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Din id-dokumentazzjoni trid tkun dejjem iffirmata u inizjalata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u għandha tintbagħat lil dan id-Direttorat permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt sa mhux aktar tard mill-**Erbgħa, 31 ta' Jannar 2029**;

7.7 Dan id-Direttorat jirriserva dritt li jitlob kwalunkwe dokument ieħor relatat;

7.8 Il-proġetti proposti huma suġġetti għal spezzjonijiet minn rappreżentanti tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*;

7.9 Il-Kunsill/i Lokali jridu jimxu strettament mal-proċeduri tax-xiri u dawk finanzjarji, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali u l-provvedimenti ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363);

7.10 Id-Direttorat għall-Istrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy* qiegħed minn issa jeżonera ruħhu mir-responsabbilità f'każ ta' nuqqas min-naħa tal-Kunsill/i Lokali li jonoraw xi liġi msemmiha hawn fuq jew oħrajn relatati. Għaldaqstant, jekk il-Kunsill Lokali jikser

xi provvediment tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363), regolamenti finanzjarji, xi liġijiet oħra relevanti jew xi kundizzjoni msemmija f'din iċ-Ċirkulari, id-Direttorat jirriserva wkoll d-dritt li jirtira l-fondi komessi;

7.11 Għandhom jiġu provduti garanziji fuq kull tip ta' xogħol li ġie mwettaq f'tali proġett u apparat fejn hu applikabbli;

7.12 Fejn applikabbli għandu jiġi żgurat li l-proġett jiġi miżmum kif xieraq u l-manutenzjoni ssir minn persuni professjonali jew iċċertifikati. Jekk dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill, dawn għandhom jiġu mħarrġa mill-fornitur jew installatur li wettaq ix-xogħol;

7.13 Fejn hu applikabbli, fiż-żona tal-proġett, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha ta' saħħa u siġurtà;

7.14 Proġetti li jirrigwardjaw persuni b'diżabilità għandhom ikunu in konformita' mar-regolamenti u ċċertifikati mis-CRPD;

7.15 Xogħlijiet imwettqa rigward *playingfields* kif ukoll installazzjonijiet ta' apparat u tagħmir għandhom jiġu spezzjonati u ċċertifikati mill-MCCAA (*Malta Competition and Consumer Affairs Authority)* skont l-istandards SM 3500:2020/1 u/jew SM 16630:2015 kif applikabbli;

7.16 Fejn applikabbli x-xogħol li jitwettaq għandu jiġi rrekordjat fuq *maintenance logbook*, kemm waqt il- garanzija u kif ukoll wara l-garanzija.

## 8. Proċedura ta' l-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet jintlaqgħu biss fuq il-formola stabbilita, mehmuża ma' din iċ-Ċirkulari (Appendiċi I) u kif msemmi aktar 'il fuq iridu jkunu ffirmati u inizjalati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wara li jkunu tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill;

8.2 L-applikazzjonijiet u d-dokumenti relevanti għandhom jintbagħtu permezz ta' imejl fuq l-indirizz elettroniku skemi.dlg@gov.mt. **Applikazzjonijiet li jintbagħtu fuq indirizz elettroniku differenti ma jiġux ikkunsidrati;**

8.3 Il-Kunsilli Lokali li jixtieqU japplikaw għal dan il-finanzjament għandhom jissottomettu l- applikazzjoni tagħhom sa mhux iktar tard min nhar il-**Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026;**

8.4 **Kull applikazzjoni li tasal tard u mhux kompluta skont kif indikat f'din iċ-Ċirkulari mhux se tkun kkunsidrata;**

8.5 Kull sottomissjoni ħa tiġi evalwata minn Bord ta' Evalwazzjoni li ħa jinkludi professjonisti f'dan il-qasam, li jiġi maħtur mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali;

8.6 Kull Kunsill Lokali li japplika jiġi nnotifikat bid-deċiżjoni tal-bord ta' Evalwazzjoni permezz ta' imejl uffiċjali mid-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Id-deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Evalwazzjoni hija waħda finali.

Marisa Pisani (iffirmata)
Direttur (Gvern Lokali) Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*

Mehmuża: Appendiċi I: Applikazzjoni
Appendiċi II: Pjan ta'Azzjoni/Rapport ta' Progress

Kopji: Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u Gvern Lokali
Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali
Direttur għall-Gvern Lokali, Monitoraġġ u Sapport
Direttur, Konformità tal-Finanzi u tal-Akkwist
President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni